MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 69/2011

**Catherine Galea**

**-vs-**

**Raymond Galea, Grech Anthony, Grech Peter Paul, Grech Maryjane u Grech Josephine**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:

1. Illi bis-sahha ta' skrittura redatta fl-Italja fit-8 ta' Awwissu 2007, il-konvenuti Anthony u Peter Paul Grech – flimkien mar-rispettivi nisa taghhom, il-konvenuti u Josephine Grech, ghalkemm dawn tal-ahhar ma jissemmewx fl-iskrittura – kienu obbligaw ruhhom li jbieghu lill-konvenut l-iehor – flimkien mal-esponenti ghalkemm hija ma tissemmiex fl-iskrittura – porzjon art f'Ragusa, Sqallija l-Italja kif ahjar hemm deskritta versu l-prezz ta' tlieta u disghin elf mija u hamsa u sebghin euro (€93,174) li minnhom thallset is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf u tlett mitt Euro (€23,000) dakinhar stess;

2. Illi l-validita' ta' dik l-iskrittura, wara li hija giet estiza fis-26 ta' Settembru 2008 u imbaghad fid-29 ta' Lulju 2009, skadiet fil-wiehed u tletin ta' Lulju elfejn u ghaxra (31.7.2010) u ghalhekk minn dakinhar il-konvenju tilef il-validita' tieghu u l-ammont imhallas bhala depozitu kellu jigi rifuz lura lill-konjugi Galea, il-kumpraturi;

3. Illi madankollu, fis-6 ta' Awwissu elfejn u ghaxra (2010), u fi zmien meta bejn il-konjugi Galea diga' kien hemm pendenti proceduri ta' quddiem il-Qorti tal-Familja intizi sabiex iwasslu ghal separazzjoni personali bejniethom, il-konvenut Galea qabad, u minghajr il-konoxxenza, wisq u wisq anqas il-kunsens tal-esponenti, iffirma konvenju iehor li bih ipproroga l-validita' tal-konvenju originali sal-wiehed u tletin ta' Lulju 2011;

4. Illi galadarba din il-proroga saret meta l-konvenju originali kien diga' skada, din titqies bhala konvenju gdid li kien jehtieg il-kunsens u adezjoni tal-esponenti fit-termini tal-artikolu elf tlett mija u sitta u ghoxrin (1326) tal-Kodici Civili liema kunsens u adezjoni, kif intqal, ma kienux jissussitu;

5. Illi l-esponenti qeghda ghalhekk tinqeda mill-fakulta' moghtija lilha b'dak l-artikolu sabiex titlob l-annullament ta' din l-iskrittura, u kwindi r-rifuzjoni lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u l-konvenut Raymond Galea tal-ammont imhallas bhala depositu fuq l-iffirmar tal-konvenju originali, flimkien mal-imghax fuq din is-somma b'effett mill-1 ta' Awwissu 2010 sad-data tar-rifuzjoni effettiva;

Ghaldaqstant, l-attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-iskrittura tas-sitta (6) ta' Awwissu 2010 (elfejn u ghaxra) kienet tehtieg il-kunsens u adezjoni tal-attrici Catherine Galea, stante li hija att ta' trasferiment ta', jew holqien ta' drittijiet reali jew personali fuq immobbli;

2. Tiddikjara ukoll li dan il-kunsens u adezjoni qatt ma ezistew;

3. Konsegwentement tiddikjara li dik l-iskrittura ghandha tigi annullata fit-termini tal-artikolu elf tlett mija u sitta u ghoxrin (1326) tal-Kodici Civili;

4. Tikkundanna lill-konvenuti Grech tirrifondi lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u l-konvenut Raymond Galea tal-ammont imhallas bhala depositu fuq l-iffirmar tal-konvenju originali, flimkien mal-imghax fuq din is-somma b'effett mill-1 ta' Awwissu 2010 sad-data tar-rifuzjoni effettiva.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Raymond Galea li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel tliet talbiet, il-ligi li ghandha tapplika ghall-kaz meritu fil-kawza mhijiex dik Maltija, izda dik Taljana. Il-konvenju u t-tigdid tieghu saru fi Sqallija dwar akkwist ta' art f'Ragusa, Sqallija, u l-obbligazzjoni hija ntimament konnessa ma' dak il-pajjiz, u ghalhekk l-obbligazzjoni li saret bejn l-eccipjenti Raymond Galea mal-konvenuti l-ohra Grech hija wahda perfettament legali that il-ligi civili Taljana u ma tezisti ebda raguni taht il-ligi civili Taljana li taghti d-dritt lill-attrici li tattakka l-validita' tal-konvenju jew tal-iskrittura tas-6 ta' Awwissu 2010, li gew iffirmati mill-eccipjenti minghajr il-firma tal-attrici. Dan in konformita' wkoll mar-regolamenti tlieta (3) u erbgha (4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma tal-1980 dwar il-ligi applikabbli ghal obbligazzjonijiet kuntrattwali;

2. Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument *datum sed non concessum* din il-Qorti jkollha tiddeciedi li l-ligi li ghandha tapplika dwar l-obbligazzjoni kuntrattata hija dik Maltija, din ukoll ghandha tfalli billi meta giet ipprezentata kawza fl-1 ta' Settembru 2011, il-konvenju li kien gie mgedded bl-iskrittura tas-6 ta' Awwissu 2010, kien kull tilef il-validita' tieghu wara l-ahhar ta' Lulju 2011, billi l-validita' tieghu permezz tal-iskrittura li qed tigi attakkata kellha effett biss sal-ahhar ta' Lulju 2011. Ghaldaqstant il-kawza inkwantu tirrigwarda l-ewwel tliet talbiet saret intempestivament, u dawk it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici;

3. Illi dwar it-talba ghar-rifuzjoni tal-ammont ta' €23,300 li kien gie mhallas mill-eccipjent lill-konvenuti l-ohra Grech bhala depozitu akkont tal-prezz, filwaqt li l-eccipjenti qed jaqbel li llum hija dovuta lura mill-konvenuti l-ohra din is-somma, din hija dovuta lilu u mhux ukoll lill-attrici jekk din il-Qorti jkollha tiddeciedi li l-ligi applikabbli hija dik Taljana billi l-obbligazzjoni kuntrattata kienet biss bejn l-eccipjenti u l-konvenuti l-ohra Grech, u ghaldaqstant anke r-raba' talba attrici mhijiex sostenibbli fil-konfront tal-konvenuti l-ohra Grech billi mhemm ebda obbligu minn dawn il-konvenuti l-ohra versu l-attrici stante li l-obbligazzjoni kuntrattata kienet biss ma' l-eccipjenti u mhux ukoll maghha, salv kull azzjoni ohra li l-attrici jista' jkollha fil-konfront tal-eccipjenti ghall-kreditu li ghandha jew li jista' jkollha fil-konfront tieghu;

4. Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Grech li permezz taghha eccepew:

1. Illi qabel xejn il-konvenuti Maryjane Grech u Josephine Grech ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi qatt ma kienu firmatarji fuq xi att simili.

2. Fit-tieni lok, il-ftehim in kwistjoni ma ghandux jigi regolat bil-ligijiet ta′ Malta izda bil-ligijiet esteri ta′ l-Italja. Dan peress illi kemm il-ftehim u kemm l-estensjonijiet saru fil-pajjiz esteru u aktar minn hekk il-proprjeta′ mmobbli mertu tal-ftehim tinsab f′pajjiz esteru. Dan jirrizulta kemm mid-dritt internazzjonali privat kif ukoll mil-ligijiet ricenti bejn il-pajjizi ta′ l-Unjoni Ewropeja u cioe′ illi kwalunkwe materja relatata ma′ proprjeta′ mmobbli ghandha tkun regolata biss bil-lex situs.

3. Illi konsegwentement il-ftehim imsemmi huwa wiehed validu ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi u ghandu jigi rikonoxxut mit-tribunali Maltin.

4. Illi anke skont il-ligijiet vigenti f′Malta dan il-ftehim huwa wiehed validu u se mai kwalunkwe drittijiet illi jista′ jkollha l-attrici huma fil-konfront ta′ zewgha cioe′ l-konvenut l-iehor. Dan anke fid-dawl tal-fatt illi l-azzjoni odjerna ma gietx ezercitata fi zmien li trid il-ligi.

5. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhomjigu michuda bl-ispejjez.

6. Illi din ir-risposta qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-konvenut Anthony Grech li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti in kawza.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-konvenuti Grech:

1. Illi in vista tal-kwistjoni li qamet fil-mori ta′ din il-kawza dwar il-validita′ o meno tal-konvenju mertu tal-kawza, kif ukoll fis-sens jekk dan ghadux effettiv jew le, u kemm il-darba jkun jinnecessita′ illi tigi ndirizzata din il-kwistjoni sabiex per konsegwenza taghha jigu decizi t-talbiet attrici, l-esponenti qed jecepixxi illi din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tiddeciedi l-istess, stante illi tali gurisdizzjoni tvesti fil-Qrati Taljani.

2. Illi din ir-risposta qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-konvenuta Josephine Grech li ghandha konoxxenza vera u propja tal-fatti in kawza.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza preliminari fuq it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Raymond Galea u fuq it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Grech u l-eccezzjoni ulterjuri tal-istess konvenuti Grech .

Kunsiderazzjonijiet

- L-attrici u l-konvenut Raymond Galea huma mizzewgin pero' ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni.

- Fit-8 ta' Awwissu 2007 giet redatta skrittura privata f'Ragusa fi Sqallija li permezz taghha l-konvenuti Grech (fuq l-iskrittura dehru Anthony u Peter Paul Grech) obbligaw li jbieghu lill-konvenut Raymond Galea (martu lanqas ma dehret fuq din l-iskrittura) porzjon art f'Ragusa, Sqallija ghall-prezz ta' €93,174 li minnhom thallset is-somma ta' €23,300 liema somma tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti.

- Jirrizulta li d-depozitu fil-fatt thallas f'Ghawdex minn Raymond Galea f'ismu u ghan-nom ta' martu lill-kumpanija Grech Developments Limited u dan jirrizulta minn skrittura redatta min-Nutar Dr Joanne Cauchi.

- Dan il-ftehim gie estiz darbtejn ossija fis-26 ta' Settembru 2008 u fid-29 ta' Lulju 2009. F'din ta' l-ahhar l-estensjoni kellha tkun sa l-ahhar ta' Lulju 2010. Dawn l-estensjonijiet gew iffirmati wkoll fi Sqallija.

- Fis-6 ta' Awwissu 2010, meta l-konjugi Galea diga' kienu bdew bil-problemi matrimonjali, giet iffirmata skrittura ohra li permezz taghha giet prorogata l-validita' tal-konvenju u dan sal-31 ta' Lulju 2011. L-attrici ssostni li hija ma kinitx tat il-kunsens taghha ghall-iffirmar ta' tali skrittura.

- Sar imbaghad tigdid iehor fl-1 ta' Awwissu 2011 u l-estensjoni kienet ghall-perjodu ta' l-ahhar ta' Lulju 2012.

Illi l-attrici ssostni (i) li l-konvenju skada fil-31 ta' Lulju 2010; (ii)bl-iskrittura tas-6 ta' Awwissu 2010 sar konvenju gdid li kien allura jehtieg il-kunsens taghha bhala mart Raymond Galea; u (iii) konsegwentement titlob l-annullament ta' l-istess skrittura u r-rifuzjoni tad-depozitu mhallas.

Illi jirrizulta li l-konvenut Raymond Galea irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu.

Illi din il-Qorti se tghaddi biex titratta l-eccezzjonijiet preliminari fuq riferiti sollevati mill-konvenuti. L-ewwel eccezzjoni li trid tigi trattata hija necessarjament dik li permezz taghha giet eccepita n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

**Eccezzjoni ta' Nuqqas ta' Gurisdizzjoni ta' din il-Qorti**

Illi l-konvenuti Grech eccepew is-segwenti:

*Illi in vista tal-kwistjoni li qamet fil-mori ta' din il-kawza dwar il-validita' o meno tal-konvenju mertu tal-kawza, kif ukoll fis-sens jekk dan ghadux effettiv jew le, u kemm il-darba jkun jinnecessita' illi tigi ndirizzata din il-kwistjoni sabiex per konsegwenza taghha jigu decizi t-talbiet attrici, l-esponenti qed jecepixxi illi din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tiddeciedi l-istess, stante illi tali gurisdizzjoni tvesti fil-Qrati Taljani.*

Din l-eccezzjoni ulterjuri giet sollevata mill-konvenuti Grech aktar minn tlettax il-xahar wara li kienu pprezentaw ir-risposta guramentata taghhom. Kuntrarjament ghal dak sottomess mill-istess konvenuti Grech, il-kwistjoni jekk il-konvenju kienx skada jew le kienet diga' tqajmet mill-attrici stess fil-bidu nett kif jirrizulta car mill-paragrafi bin-numri erbgha (4) u hamsa (5) tar-rikors guramentat u ma kinitx xi *noviter deductus* sollevata mid-difensur tal-konvenut Galea fil-verbal tal-20 ta' Settembru 2012. Permezz tar-risposta guramentata taghhom tat-18 ta' Ottubru 2011, il-konvenuti Grech ikkontestaw it-talbiet tal-attrici u sa ghamlu l-eccezzjonijiet fil-meritu u ghalhekk ghandhom jitqiesu li ssottomettew ruhhom ghal gurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Dwar din il-kwistjoni jinsab fil-fatt deciz li l-'*eccezzjoni li kawza ma tkunx ta' gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta hi in effetti eccezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti. Bhala tali hi eccezzjoni dilatorja per eccellenza anke jekk il-Qorti tista' tissolleva l-materja ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni ex officio. Konsegwentemment bhala eccezzjoni dilatorja li tqajment f'kawza li saret b'citazzjoni din kellha tinghata mill-konvenut fil-bidu tad-difiza (artikolu 728(1)). Hu ukoll stabbilit fil-gurisprudenza li konvenu, li altrimenti jkun bil-ligi intitolat li jeccepixxi l-inkompetenza tal-Qorti minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni, jekk jonqos li jissolleva l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza in limine litis ikun meqjus li ssottometta ruhu ghal tali gurisdizzjoni jekk jikkontesta t-talba u*

*jaghmel eccezzjonijiet fil-meritu.'* [Appell Civili, **Raymond Calleja vs L-Avukat Dottor Raymond Pace et noe**, 31 ta' Jannar 1996, Kollez. Vol. LXXX.ii.320]. Issokta jigi ribadit il-principju li *'l-eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni, minhabba n-natura taghha, trid titressaq qabel ma l-parti mharrka tiehu xi sehem fil-kawza b'mod li wiehed jifhem li hija tkun accettat il-gurisdizzjoni.'* [Prim'Awla, **Lift Services Ltd. vs Dr. Dominic Cassar et noe**, 12 ta' Lulju 2000. Il-Qorti tal-Prim'Awla f'kaz iehor irriteniet inoltre li huwa *'fl-ordni kemm logiku kif ukoll guridiku illi l-ewwel haga li trid tigi investita mill-Qorti, meta hekk tinsorgi, bhal fl-istanza prezenti, hi l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni. Dan hu bil-wisq ovvju in kwantu jekk tonqos il-gurisdizzjoni l-Qorti ma tkunx tista' tinoltra ruhha fuq il-meritu tal-kaz jew ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati. Bhal ma jirrizulta li hekk sar ukoll f' dan il-kaz, eccezzjoni bhal din htiegilha titqajjem in limine litis. Dan ghaliex il-patt li bih tigi prorogata l-gurisdizzjoni jista' jigi rinunzjat minn dak li a favur tieghu l-patt ikun gie stipulat u jekk dik il-persuna konvenuta ma topponix l-eccezzjoni relativa in limine litis 'si ha da ritenere che egli vi abbia rinunziato, ed in caso di tale rinunzia rivive la gurisdizione ordinaria e propria (Kollez. Vol. XXIV.i. 1067)'* – Prim'Awla, **George Said ne vs Joseph Ellul Sullivan ne**, 3 ta' Ottubru 2003; ara wkoll **Charles Debono pro et ne vs John Caruana ne**, Appell Kummercjali, 14 ta' Mejju 1971;

Izda apparti l-fatt li din l-eccezzjoni riedet titqajjem mill-konvenuti Grech fil-bidu nett, tali eccezzjoni hija wkoll insostenibbli. Fl-ewwel lok dwar din l-eccezzjoni ma ngabet l-ebda prova. Fit-tieni lok, l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija msejsa fuq l-artikolu 742 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jirrizulta mill-atti li

i. Il-partijiet huma lkoll cittadini ta' Malta;
ii. Huma lkoll residenti gewwa Malta u hadd minnhom ma stabbilixxa d-domicilju tieghu jew taghha band'ohra;

Ghalhekk isegwi li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti tirrizulta mill-incizi (a), (b), (d) u (e) tal-artikolu 742(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fis-sentenza taghha tat-08/01/2003, fil-kawza fl-ismijiet "**Harvey Catharina Vs Dr Caruana Galizia Peter**", il-Qorti tal-Appell kienet mitluba tiddeciedi jekk hijiex radikata l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin taht l-artikolu 742(1)(b) f'kaz fejn il-konvenut kien ikun frekwentement Malta imma inzerta li fil-mument li ġiet ipprezentata l-kawza kien assenti minn Malta. Il-Qorti rriteniet:

*"Meta fl-artikolu 742, tal-Kap. 12, il-ligi tirreferi ghal "kull persuna" u tabbinaha, fost ohrajn, ma' mera presenza, l-ligi hawn qeghda necessarjament, tirreferi ghall-presenza tal-parti konvenuta fuq il-principju ta' "ubi te invenio, ibi te convenio". Diversament ikun tassew ifisser li jkun bizzejjed ghall-parti attrici li tkun jew tigi Malta u tharrek lil min trid indipendentement minn kull konsiderazzjoni ohra rigwardanti l-parti konvenuta – haga dina li legalment hija inaccettabbli.*

*"Gie ritenut f'gudikati precedenti illi normalment il-punt relevanti sabiex tigi stabilita l-gurisdizzjoni huwa dak tal-prezentata tac-citazzjoni. Madanakollu l-Qorti xorta wahda jkollha gursidizzjoni jekk il-konvenut ikun agixxa illegalment sabiex inezza' lill-Qorti mill-gurisdizzjoni.*

*"Meta l-attur jistitwixxi kawza kontra persuna f'Malta fuq il-presuppost li tali persuna tkun tinsab f'Malta proprjughaliex tali persuna tkun frekwentement f'Malta izda sussegwentement jirrizulta li l-konvenut ikun assenti, il-proceduri jkunu jistghu jitkomplew billi jigu nominati kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti."*

Rigward il-kwistjoni jekk jistax ikun hemm konkorrenza ta' gurisdizzjoni ta' qrati ta' iktar minn pajjiz wieħed, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kellha dan xi tghid fis-sentenza taghha tal-20 ta' Marzu 2001 fil-kawza fl-ismijiet "**Cefai Renato Dr. Vs Valletta Freight Services Limited**":

*"Jista' jkun illi kieku l-kawza nbdiet f'Malta l-qrati ta' Malta kienu jaccettaw gurisdizzjoni biex jisimghu u jaqtghu dwar xi partijiet mill-meritu tal-kontroversja bejn il-partijiet; dan izda ma jfissirx li t-tribunal maghzul mill-partijiet ma jkollux gurisdizzjoni jekk il-kawza tkun inbdiet quddiemu."*

Huwa minnu li f'dak il-kaz il-fattispecje kienu inversi ghal dawk tal-kaz odjern, ghaliex il-kawza principali kienet inbdiet quddiem qorti estera u l-qorti kienet imsejha sabiex tiddeciedi jekk dik il-qorti estera kellhiex kompetenza fuq il-kaz; imma l-insenjament tal-Qorti japplika *mutatis mutandis* ghall-fattispecje tal-kaz odjern.

Fis-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijiet "**Angelo Cutajar & Sons Company Limited vs Cremona Anthony Dott. Et Noe",** l-istess Qortii riteniet, fir-rigward tal-prezenza tal-konvenut f'Malta, illi**:**

*"Ghall-finijiet ta' dawn id-dispozizzjonijiet, bi "prezenza" wiehed ma jifhimx biss prezenza attwali u fizika, imma jinkludi fiha wkoll prezenza permezz ta' persuna rapprezentanti taghha. Minbarra dan, il-kelma "obbligazzjoni" m'ghandhiex titfisser b'mod restrittiv, imma ghandha tghodd ghal kull rabta li titnissel ex lege, minn kuntratt u sahansitra minn dawk imnisslin ex delicto;"*

Il-linja ta' hsieb li tirrizulta minn dawn is-sentenza hija ghalhekk li in linja ta' principju, il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin titnissel jekk jissussisti anki wiehed biss mid-diversi kazi pprospettati fl-artikolu 742 tal-Kap. 12, fis-sens li kull wiehed mis-subincizi tieghu huwa alternattiv ghas-subincizi l-ohra; u wkoll li kull wiehed mis-subincizi ghandu jiġi interpretat b'mod estensiv u mhux ristrettiv; u finalment li hija n-negazzjoni jew ic-cahda tal-gurisdizzjoni l-eccezzjoni ghar-regola.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni mhix misthoqqa.

**Applikazzjoni tal-Ligi Estera**

Illi fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti Grech eccepew is-segwenti:

*"….il-ftehim in kwistjoni ma ghandux jigi regolat bil-ligijiet ta' Malta izda bil-ligijiet esteri ta' l-Italja. Dan peress illi kemm il-ftehim u kemm l-estensjonijiet saru fil-pajjiz esteru u aktar minn hekk il-proprjeta' mmobbli mertu tal-ftehim tinsab f'pajjiz esteru. Dan jirrizulta kemm mid-dritt internazzjonali privat kif ukoll mil-ligijiet ricenti bejn il-pajjizi ta' l-Unjoni Ewropeja u cioe' illi kwalunkwe materja relatata ma' proprjeta' mmobbli ghandha tkun regolata biss bil-lex situs."*

F'dan l-istadju u b'referenza ghal din l-eccezzjoni l-partijiet illimitaw ruhhom biss li jikkwotaw uhud mill-artikoli tal-ligi tal-Kodici Civili Taljan fin-nota ta' sottomissjonijiet rispettivi taghhom.

Illi l-attrici ssostni li  l-ligi applikabbli hija dik Maltija ghaliex tissottometti li l-kwistjoni li din il-Qorti qeghda tigì mitluba tiddeciedi ma tirrigwardax il-proprjetà mmobbli li kienet tifforma s-suggett tal-ftehim ta' Awwissu 2007 per se. Imma, ghall-kuntrarju, il-kwistjoni f'din il-kawza hija jekk ragel ta' cittadinanza Maltija, mizzewweg lil cittadina Maltija, f'kaz fejn it-tnejn jirrisjedu u huma domiciljati f'Malta b'mod li hija applikabbli ghaz-zwieg taghhom il-komunjoni tal-akkwisti fit-termini tal-Artikolu 1316 et seq tal-Kodici Civili, jistax wahdu jassumi obbligi li jkunu ser jaggravaw dik il-komunjoni tal-akkwisti, minghajr ma jottjeni minn qabel il-kunsens jew awtorizzazzjoni ta' martu, jew inkella hijiex mehtiega l-prezenza, konoxxenza u adezjoni tal-mara sabiex tali obbligazzjoni tkun wahda valida.

Ghalhekk tkompli ssostni li fil-fatt qeghdin jigu ezaminati r-relazzjonijiet matrimonjali u personali bejn il-kontendenti Galea u d-drittijiet rispettivi taghhom f'dak li ghandu x'jaqsam

ma' amministrazzjoni straordinarja tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom fit-termini tal-Artikolu 1321(2) tal-Kodici Civili, u specjalment is-subinciz (g).

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-attrici inkwantu ssostni li f'din il-kawza qeghdin jigu ezaminati r-relazzjonijiet matrimonjali tal-konjugi Galea. Certament li dan huwa wiehed mill-punti in kontestazzjoni izda in verita' kollox idur madwar l-immobbli li huwa sitwat f''Ragusa, Sqallija fl-Italja u l-konvenju u skrittura ffirmata. Infatti l-attrici qeghda titlob li l-iskrittura ffirmata fis-6 ta' Awwissu 2010 tigi annullata. L-istess attrici ssostni li din l-iskrittura kienet konvenju gdid liema konvenju kien jikkonsisti f'weghda ta' bejgh ta' art fi Sqallija. Kif inhu maghruf ghal dak li jikkoncerna immobbli, ghandha tapplika l-ligi tal-pajjiz fejn jinsab l-immobbli (lex situs).

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija misthoqqa.

**It-Tieni Eccezzjoni tal-Konvenut Raymond Galea**

Permezz ta' din l-eccezzjoni Raymod Galea qieghed isostni li *"meta giet ipprezentata l-kawza fl-1 ta' Settembru 2011, il-konvenju li kien gie mgedded bl-iskrittura tas-6 ta' Awwissu 2010 kien kull kif tilef il-validità tieghu wara l-ahhar ta' Lulju 2011, billi l-validità tieghu permezz tal-iskrittura li qed tigi attakkata kellha effett biss sal-ahhar ta' Lulju 2011."*

Il-konvenut Galea jargumenta li ladarba fil-mument li giet ipprezentata din il-kawza, l-iskrittura tas-6 ta' Awwissu 2010 kienet hija stess lahqet tilfet il-validità taghha, il-kawza *"inkwantu jirrigwarda l-ewwel tliet talbiet saret intempestivament, u dawk it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici."*

Minn din l-eccezzjoni, imbagħad, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut wara li jiccita estensivament minn sentenzi li, korrettement jippronunzjaw il-principju li l-Qorti hija obbligata li toqghod strettament ghat-talbiet, u anke ghall-eccezzjonijiet, kif imressqa quddiemha rispettivament fic-citazzjoni (jew rikors guramentat) u l-eccezzjonijiet (jew risposta guramentata), jargumenta li lanqas ir-raba' talba attrici ma tista' tintlaqa'. U imbaghad jidhol fil-kwistjoni ta' jekk jezistix interess guridiku fl-attrici sabiex tressaq it-talbiet taghha.

Illi hekk kif issottomettiet l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-principju li l-qorti hija marbuta strettament mal-parametri tal-azzjoni u tad-difiza japplikaw kemm fir-rigward tat-talbiet attrici kif ukoll fir-rigward tal-eccezzjonijiet tal-konvenut. Tezisti eccezzjoni ghal din ir-regola biss f'dak li jirrigwarda eccezzjonijiet marbuta mal-ordni pubblika, u eccezzjonijiet li jistghu jitqajmu *ex ufficio* mill-Qorti. L-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku hija kklassifikata fost dan l-ahhar tip ta' eccezzjonijiet.

Illi ghalhekk inkwantu ghall-argument tal-konvenut Galea li jghid li r-raba' talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex id-domandi attrici huma limitati u qed tintalab biss dikjarazzjoni ta' nullità tal-iskrittura tas-6 ta' Awwissu 2010 ghandhom japplikaw l-istess principji. Din il-Qorti hija prekluza milli tikkunsidra dan l-argument meta l-ebda eccezzjoni ma kienet tqajmet dwar ir-raba' talba attrici.

Referenza ssir ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Angela Galea vs Grazio Borg** deciza fl-1 ta' Gunju 2007. F'dak il-kaz, il-konvenuti kienu, fl-ahharnett tal-kawza qajmu eccezzjoni illi ma kienitx tqajmet minnhom fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom, u l-Qorti kienet akkoljiet dik l-eccezzjoni u cahdet it-talbiet attrici. Il-Qorti tal-Appell madakollu tenniet:

*"Din il-Qorti m'hijiex qeghda tippronunzja ruhha dwar jekk l-atturi appellanti setghux jipproponu azzjoni jew le bhax-xorta u fit-termini proposti imma qeghda tirritjeni invece li l-ewwel Qorti kienet manifestament skorretta meta qabdet u interpretat l-eccezzjoni de quo bhala wahda li qeghda tinvoka n-nullità tac-citazzjoni in kwantu din kienet ibbazata kemm fuq vizzju tal-kunsens kif ukoll ghaliex l-istess atti kienu simulati. Fi kliem aktar semplici, l-ewwel eccezzjoni ma tghidx hekk u l-ebda ragjonament "gdid" li jittrapela en passant waqt is-sottomissjonijiet finali bil-miktub, u wara li kienu nghalqu l-provi kollha, ma jista' jservi biex jissana jew jirrimedja ghal xi haga li ma ssemmitx u ma tiffigurax fl-eccezzjoni in ezami. Il-htiega li ssir nota ta' eccezzjonjiet formalment hija ntiza mil-legislatur proprju bl-iskop li kull parti tkun taf ezatt x'inhuma l-parametri ta' l-azzjoni u tad-difiza avvanzata mill-parti konvenuta. Semplici nota ta' osservazzjonijiet m'ghandhiex isservi biex tirrimpjazza nota ta' eccezzjonijiet. Ghalhekk ifisser li l-aggravju ta' l-atturi appellanti taht dana l-aspett huwa fondat u qed jigi milqugh.*

*6. Nigu issa ghat-tieni kwezit. Setghet l-ewwel Qorti tqajjem din l-eccezzjoni marte proprio? Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-risposta hija definittivament fin-negattiv u dan huwa hekk ghal zewg ragunijiet. L-ewwel raguni hija dik li, kif intqal supra, tali eccezzjoni ma kenitx kompriza fl-eccezzjoni preliminari li fuqha strahet il-Qorti u f'ebda eccezzjoni ohra li giet sollevata; u fit-tieni lok, ghax tali operat m'huwiex permess mil-ligi. Dwar it-tieni raguni fuq imsemmija hemm diversi sentenzi ta'*

*dawn il-Qrati li rritenew dak li qeghda tirribadixxi din il-Qorti. Per ezempju, gie ritenut, u din il-Qorti taqbel mieghu, li,*

*"1. Huwa principju maghruf illi l-Imhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f'kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illli waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-oħra ma jistax jitratta u jirrizolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, ammeno che non si tratta minn kwestjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat jirrileva "ex officio" –* ***Joseph Gatt –vs– Joseph Galea****, Appell Civili, 12 ta' Lulju 1965;* ***Regina mart Francis Cacciottolo –vs– Francis Cacciotolo****, Appell Civili, 30 ta' Ġunju 1976;"*

*"2. Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li mhix awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonjiet ta' ordni pubbliku, altrimenti kwalunkwe kwestjoni legali tkun tista' tigi sollevata mill-Qorti, prattika din mhix rakkomandabbli li tista' twassal ghal sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq l-eccezzjoni taghha stess –* ***Anthony Hammett noe –vs– Vincent Genovese pro et noe****, Appell Kummerċjali, 31 ta' Jannar 1991."*

Kif gie ritenut mill-istess Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet "**Anthony Cristina pro et vs Eleonora Mizzi et**" (27 ta' Marzu 2003) l-argumenti u r-ragunamenti legali dedotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bhala eccezzjonijiet formali, ma jobbligawx lill-qorti li tqishom bhala tali ghaliex dan ikun jammonta ghal strapp procedurali li jista' jkun ta' pregudizzju ghall-kontro-parti.

**Nuqqas ta' Interess Guridiku**

Illi l-konvenut Galea fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu sostna li l-attrici m'ghandhix interess guridika biex tippromwovi l-azzjoni attrici. Kif diga' gie rilevat din hija tip ta' eccezzjoni li hija sollevabbli anki ex officio u l-Qorti ghalhekk tqis tali eccezzjoni fi kwalunkwe stadju li titqajjem basta l-partijiet ikollhom l-opportunita' li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar l-istess.

Illi dwar l-interess guridiku ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Agatha sive Agathina Formosa Gauci vs Avukat Dottor Francis Lanfranco et**[1] fejn il-Qorti ta' l-Appell tenniet li l-ligi taghna tezigi li min jipproponi azzjoni gudizzjarja jrid ikollu interess guridiku, l-ghaliex

[1] App Civ Nru: 621/2001 deciza fit-28 ta' Novembru 2003

altrimenti jkun ifisser li kull min ikun irid jivvessa lil xi hadd inutilment ikollu l-opportunita' shiha li jaghmel dan billi joqghod "jiqqortja" mieghu fuq kwalsiasi protest li jkun, imqar jekk il-materja lanqas biss tikkoncerna lilu. Din is-sentenza ghaddiet imbaghad biex telenka il-principji li ghandhom iservu ta' gwida li fuqhom ghandha timxi l-Qorti biex tirrisolvi vertenza ta' din ix-xorta. Il-principji huma s-segwenti :

(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali.

(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;

(iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmulha kontriha;

(iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi;

(v) l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza;

(vi) l-interess ta' l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat;

(vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista' jippromuovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' accertament. Madankollu, f'kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista' ssir aktar 'l quddiem;

(viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, imma jista' jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku;

(ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda illegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda *acta ad aemulationem* – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg.

Illi l-konvenut Galea jeccepixxi l-intempestivita' ta' l-ewwel tlett talbiet attrici u ssolleva n-nuqqas ta' interess guridiku ta' l-attrici billi skontu ma kienx hemm lok ghal din il-kawza ghaliex l-iskrittura tas-6 ta' Awwissu 2010 saret bl-intiza li testendi l-effett tal-konvenju originali sal-31 ta' Lulju 2011 u kwindi l-iskrittura kienet tilfet kull effett legali. Dan izda dejjem qieghed jibbaza ruhu fuq il-ligi Maltija. Kif ritenut il-ligi applikabbli hija dik Taljana u mhux Maltija. Din il-Qorti trid taghmilha cara li ma tridx tfisser b'danakollu li qeghda tghid li l-attrici taht il-ligi Maltija m'ghandhiex interess guridiku. Ghalhekk din il-Qorti mhix se tesprimi ruhha dwar l-eccezzjoni ta' interess guridiku u f'dan l-istadju thalliha impregudikata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti Grech u tiddikjara li din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni tisma' din il-kawza u filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Galea, tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' l-istess konvenuti Grech.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza quddiem il-Qorti hekk kif diversament presjeduta.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------